TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 225/16/F

**Lawrence Agius**

**vs**

**Power Plus Ltd.**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Novembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti depożitu ta' pannelli solari fil-propjeta' tiegħu u fil-propjeta' tat-tifla.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħallas depożitu ta' ħames mitt ewro (€500), u wara li ħallas id-depożitu, irriżulta li qatt ma kellu jsir id-depożitu qabel ma jiġi approvat. Illi minkejja li talab id-depożitu lura, l-intimat ma riedx jagħtihulu.

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, u kif ukoll jinnota li l-intimat ma kkontestax din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888